**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Ghawdex**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 7/2021/1 JVC**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri**
**Datata 2 ta' Gunju, 2023 fl-ismijiet:**

**Christopher-John Cassar**

**vs.**

**Anthony Attard**

**Illum 12 ta' April, 2024**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri datata 2 ta' Gunju, 2023 fejn gie deciz kif isegwi:

'Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-attur kif isegwi:

i. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef mija tnejn u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,122.50),

valur ta' merkanzija miħjugħa u kkonsenjata lill-konvenut mill-attur fuq ordni tiegħu stess;

ii. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-interessi fuq is-somma ta' għaxart elef mija tnejn u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,122.50) bit-tmienja fil-mija (8%) mill-14 ta' Mejju, 2021—data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 50/2021 mibgħuta a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, tal-Liġijiet ta' Malta, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 50/2021, a karigu tal-konvenut.'

2. Illi s-sentenza appellata nghatat wara li r-rikorrent appellat ippremetta u talab li jitħallas l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u erba' u sebgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€11,674.62) rapprezentanti in kwantu ghal ghaxart elef mija u tnejn u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€10,122.50) bilanc dovut għal merkanzija konsenjata lilll-intimat fil-kwalità tieghu ta' gestur tan-negozju bl-isem '*Antonin Gift Shop*' fi Pjazza Indipendenza, ir-Rabat, Ghawdex filwaqt ir-rimanenti elf, hames mija u tnejn u hamsin ewro u tnax-il centezmu (€1,552.12) huma interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mis-7 ta' Awwissu 2019 sas-7 ta' Lulju 2021, salv interessi ulterjuri wara din id-data. Dan bl-ispejjez ta' din il-procedura u tal-Ittra Ufficcali spedita ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 50/2020 u tal-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv.

3. Rat li l-intimat appellant irrisponda ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti kif isegwi:

'1. ILLI jirriżulta illi dawn l-*invoices* imsemmija fl-i*statement* anness mal-kawża ma humiex tal-esponenti u dana kif ser jirriżulta matul is-smiegħ [sic] tal-kawża;

2. ILLI fit-tieni lok, jirriżulta illi kull darba li kien ġie ordnat xogħol mingħand l-attur, il-bejgħ kien isir totalment fuq bażi ta' *cash sale* u għalhekk huwa ċar li ma jista' qatt ikun hemm bilanċi dovuti;

3. ILLI fit-tielet lok, jirriżulta ukoll [sic] li l-istess esponenti kien saħansitra waqqaf lill-attur milli jkompli jmur il-ħanut u dana minħabba diżgwit bejn il-partijiet kif ser jiġi dettaljatament spjegat matul il-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-istess rikorrenti.'

4. Rat illi l-intimat appella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti. Illi ghalkemm l-appellant ma jindikax ezatt in-numru ta' aggravji li qed iressaq, minn qari tal-appell il-Qorti tifhem li principalment l-aggravji huma tnejn f'wiehed fejn l-appellant l-ewwel isostni li skont hu l-Ewwel Qorti applikat il-principju tal-in dubio pro reo fi proceduri civili meta dan il-principju japplika biss fi proceduri kriminali b'dana li din il-Qorti ghandha tiddikjara n-nullita tad-decizjoni appellata jew altrimenti tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex ikun hemm

sentenza mill-gdid jew alternattivament tghaddi sabiex taghti sentenza hija stess.

Fit-tieni parti tal-aggravju l-appellant jidhol f'analizi tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti fejn minnha jsostni li x-xhieda tar-rikorrenti kienet wahda ferm konfuza, li mid-dokumentazzjoni esebita rrizulta li ma kien hemm l-ebda ammont li kien ghadu dovut stante l-pagamenti li rrizulta li saru, liema pagamenti skont l-intimat appellant sahansitra r-rikorrent jichad li rcieva fix-xhieda tieghu u dan juri l-konfuzjoni tar-rikorrent. Jispjega li l-versjoni tieghu li huwa hallas dak kollu dovut minnu a saldu wara talba specifika mir-rikorrent permezz ta' messagg f'Marzu, 2019 hija l-verita u mhux dak li qed isostni r-rikorrent. Izid li ghalkemm huwa ma kellu l-ebda riluttanza li jaghti l-ismijiet tal-impjegati tieghu, rrizulta fl-atti li ebda mill-*invoices* ma kienet iffirmati minn wiehed minnhom. Jinsisti li l-lanjanza ghandha tkun ibbazata u deciza fuq is-sena 2019 ghaliex din is-sena tirrizulta mill-messaggi bejn il-partijiet. Jaghlaq l-aggravju u l-appell tieghu kif isegwi:

'Illi l-esponenti jinsab ferm perpless kif f'din is-sitwazzjoni ta' tahwid u konfuzjoni da parti tal-attur l-Ewwel Onorabbli Qorti – fuq principju ta' *in dubio pro reo* - tasal ghas-sentenza fejn ikkundannatu sabiex ihallas kwalsiasi ammont lill-attur! Dana meta hareg car li l-attur appellat fi kliemu stess qed *jimmagina* storja li nies fittizji u li qatt ma hadmu mal-esponenti ffirmawlu dokumenti jew invoices u li ghalhekk huwa ghandu jithallas ta' tali invoices.'

L-intimat appellant, b'kontradizzjoni ghal dak mitlub fl-ewwel parti tal-aggravju, fil-parti finali tal-appell jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata msemmija billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat appellant in toto u tichad it-talbiet tar-rikorrent u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat.

5. Illi permezz tar-risposta tieghu ir-rikorrent appellat in generali jsostni li din il-Qorti ghandha tichad l-appell tal-intimat u tikkonferma s-sentenza appellata. Fl-ewwel lok jeccepixxi li din il-Qorti tal-Appell bhala Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex tiddisturba leggerment l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti. Ulterjorment isostni li fattwalment, sa' meta nfethet il-kawza, l-intimat qatt ma cahad li kellu jaghti l-flus lir-rikorrenti izda biss li xtaq aktar zmien sabiex ikun jista' jhallas. Izid li l-appellat ipprova bl-aktar mod ampju u minghajr ebda ombra ta' dubju li huwa kreditur tal-intimat u fit-tieni lok u apparti minn hekk l-intimat appellant ma ressaq l-ebda prova sodifsacenti li b'xi mod tista turi li huwa effettivament hallas l-ammont reklamat fil-kawza u li ghalhekk mhux debitur tar-rikorrenti, fosthom il-messaggi skambjati bejn il-partijiet li huma ammissjoni cara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent. Illi dwar l-uzu tal-kliem 'in dubbio pro reo' mill-ewwel Qorti l-appellat isostni li m'hemmx dubju li dan kien *lapsus calami* tal-ewwel Qorti tenut kont tal-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament dwar il-piz probatorju tal-provi mressqa. Fi kwalunkwe kaz isostni li dan il-kliem fid-decizjoni ma jwassalx sabiex

is-sentenza tigi dikjarata nulla jew tintbaghat lura lill-ewwel Qorti. Dwar dik il-parti tal-aggravju li taghmel referenza ghall-hlasijiet u l-kont pendenti ir-rikorrent appellant fir-risposta jidhol f'analizi dettaljata tal-provi u jsostni li r-rikorrent qatt ma nnega li rcieva l-pagamenti kif allegati mill-intimat izda jinsisti li dawn qatt ma kienu a saldu ta' dak dovut stante li fil-frattemp kienu dahlu ordnijiet ohra li jidhlu aktar tard fis-sistema ghalhekk ghalkemm l-intimat kien jaghti pagament, l-kont tieghu qatt ma nqata u gie zero kif isostni l-intimat. Isostni ghalhekk li huwa car li min qed jipprova jizgwida u jinganna din il-Qorti huwa l-intimat u mhux ir-rikorrent. Dwar il-veracita' tal-messaggi bejn il-partijiet ir-rikorrent jinsisti li kien l-istess intimat li kkonferma n-numru tal-mobajl tieghu u li permezz tieghu kien jibghat il-messaggi. Dwar l-ordnijiet jinsisti li dan kienu jsiru minn mart l-intimat stess bl-isem ta' Sarah u li kien l-istess intimat li kien jghidlu li kienet ser tkun il-hanut u anki gieli halla xi pagament ghar-rikorrent maghha. Nonostante dan ir-rikorrent appellat isostni li l-intimat ma tellax tixhed lill-istess martu biex bhal li kieku jaghti l-impressjoni li l-ordnijiet ma kinux isiru fuq ordni tieghu. Il-konvenut ma ressaqx prova li l-ordnijiet ma sarux minnu jew ghan-nom tieghu u qatt ma rrifjuta *deliveries* filwaqt li jaccetta fix-xhieda tieghu li l-haddiema kienu jiffirmawlu u jircievu x-xoghol ghalih. Izid li bosta mill-*invoices* li ghadhom dovuti huma ffirmati jew mill-intimat jew minn martu Sarah Jane Wistrup jew T. Bremer Cox, T. Cocks u S Mercieca li lkoll jaf li kienu jkunu fil-hanut. Finalment isostni li ma tressqitx prova

konvincenti da parti tal-intimat li effettivament huwa wettaq il-hlas tal-ammont pretiz permezz tal-proceduri odjerni.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2024 u konsegwentement l-appell gie differit ghad-decizjoni ghallum.

7. Rat l-atti kollha tal-Ewwel Qorti.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Illi l-Qorti rat li l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li analizzat il-provi u waslet ghall-konkluzjonijiet taghha kif isegwi:

**'B.PROVI:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Christopher-John Cassar**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[1] Iddikjara li huwa jforni varji ħwienet b'*souvenirs* u fost klijenti varji kellu lill-konvenut li kien jiġġestixxi n-negozju minn ħanut bl-isem ta' *Antonin Gift Shop*. Jgħid li r-relazzjoni tiegħu mal-konvenut bdiet lejn nofs Lulju tal-2015 u huwa dejjem innegozja mal-konvenut f'ismu proprja mhux bħala xi soċjetà.

[1] Affidavit a fol. 26 sa 29 b'dokumenti a fol. 30 sa 102.

Jiddikjara li fil-bidu l-konvenut kien iħallsu *cash* [kontanti]. Jgħid li huwa dejjem forna lill-konvenut b'dak li kien jordna u xejn aktar.

Jgħid li l-ewwel fattura tħallset kif tħallsu oħrajn. Jannetti dokumenti li juri l-ħlasijiet li saru mill-konvenut.[2]

Jiddikjara li bix-xogħol kien jitla' Għawdex huwa jew uliedu b'dan li l-impjegati tal-konvenut kienu jiffirmawlhom il-fatturi. Iżid li ġieli tħallsu dak il-ħin stess u ġieli kien hemm xi dewmien inkluż għaċ-ċekkijiet maħruġa mill-konvenut ma jissarrfux.

Jgħid li maż-żmien il-konvenut beda jaqa' lura fil-pagamenti u huwa kien jagħmel perjodi twal ma jitħallasx. Iżid li minħabba f'hekk il-konvenut ġieli tella' kontijiet kbar inkluż fl-2017 fejn tella' kont ta' 'l fuq minn tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000). Jannetti dokument li juri dan.[3]

Jiddikjara li minħabba f'hekk minn żmien għal żmien kien jibgħat messaġġi ċellulari lill-konvenut jitolbu l-ħlas. Jannetti *screenshots* tal-messaġġi ċellulari.[4] Jgħid li l-konvenut ġieli injorah u ġieli rrispondih jgħidlu «*ok*».[5] Iżid li tul iż-żmien rikopert mill-messaġġi ġieli saru xi ħlasijiet parzjali f'kontanti li bi trasferimenti bankarji.

Jispjega kif l-ordnijiet f'isem il-konvenut kienu jsiru minn impjegata tiegħu, ċerta Sarah.

Jiddikjara li l-aħħar ħlas li sar mill-konvenut kien fil-15 ta' Mejju, 2019 fil-valur ta' elfejn ħames mija u erba' u erbgħin ewro u disa' u tletin ċenteżmu (€2,544.39). Iżid li minn hemm baqgħu jiżdiedu l-ordnijiet sakemm il-konvenut tella' l-valur reklamat f'din il-kawża. Jikkonferma ir-rendikont anness mal-Avviz fil-valur ta' għaxart elef

---

[2] Dokument a fol. 30.
[3] Dokument a fol. 31 sa 38 bil-paġni relattivi a fol. 34 u 35.
[4] *Screenshots* a fol. 39 sa 71.
[5] Ref. messaġġi ċellulari *inter alia* a fol. 41, 43, 44, 45, 47, 48, 50, 54, 55, 56, 57, 60, 61.

mija u tnejn u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,122.50). Jippreżenta kopja ta' kull fattura li tirriżulta fuq ir-rendikont anness mal-Avviż.[6]

Jgħid li l-konvenut kien iġib ħafna skużi għalfejn mhux iħallas iżda qatt ma qallu ma jeħodlux aktar xogħol. Iżid li huwa waqaf jagħti x-xoghol lill-konvenut meta dan għalaq il-ħanut. Iżid li l-konvenut qatt ma qallu li mhux ser iħallsu jew li ebda valur m'hu dovut.

Jiddikjara li fil-fatt, fi Frar 2020 wara li kien ilu ma jaghtih xogħol ġdid bagħat messaġġ ċellulari lill-konvenut jitolbu l-ħlas bil-konvenut irrisponda biss li ma kienx Għawdex u aktar tard li ma kellux flus. Jannetti *screenshots* ta' messaġġ ċellulari skambjati bejnu u l-konvenut f'dan ir-rigward.[7]

Jikkonkludi billi jinsisti li l-konvenut qatt ma qallu li m'għandu jtih xejn anzi dejjem ikkonferma d-debitu iżda prova jirbaħ iż-żmien. Iżid li l-ewwel darba li l-konvenut qal li mhux ser iħallsu kien fir-risposta tiegħu għall-ittra 166A.

**In kontroeżami**,[8] xehed li b'din il-kawża huwa qed jitlob ammont totali ta' ħdax-il elf sitt mija u erbgħa u sebgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€11,674.62). Iżid li ma jaqbilx li xi darba kien hemm kont pendenti ta' xi tnax-il elf ewro (€12,000) li kien thallas fi tliet (3) pagamenti magħmula bi trasferimenti bankarji.

Muri l-paġna tar-rendikont tiegħu a fol. 37 tal-proċess jaqbel li dak ir-rendikont inħareġ minnu. Irreferut għall-pagamenti magħmula fit-8 ta' Marzu, 2019 u d-29 ta' Marzu, 2019 ta' ħamest elef ewro (€5,000) kull pagamenti jgħid li iva dawn kienu pagamenti. Iżid iżda li warajhom kien hemm aktar ordnijiet u forna aktar oġġetti lill-konvenut għall-bejgħ minnu.

[6] Fatturi a fol. 73 sa 99.

Iżid li l-konvenut tul ir-relazzjoni kuntrattwali kollha ta' bejniethom akkwista oġġetti fil-valur totali ta' tmienja u sittin elf mitejn u ħames ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€68,205.69) mentri ħallas tmienja u ħamsin elf tlieta u tmenin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€58,083.19ċ).

Jgħid li l-i*screenshots* ta' messaġġi ċellulari varji li ppreżenta juru kemm-il darba kellu jiġri wara l-ħlas. Mistoqsi kif m'hemmx messaġġi li jmorru lil hemm mill-2019 meta l-aħħar pagamenti saru fl-2019 jgħid li dak għaliex ir-relazzjoni tiegħu mal-konvenut spiċċcat fis-7 ta' Awwissu, 2019.

Rigward il-firem varji fuq il-fatturi li jgħid li ghadhom mhux imħallsa jghid li dawn huma ta' nies varji li kien ikun hemm jaħdmu fil-hanut tal-konvenut.

**In rieżami**, xehed li messaġġi ċellulari hemm anke tal-2020 b'dawn intbagħtu ferm wara li kienet intemmet ir-relazzjoni tiegħu mal-konvenut.

**Marcel Tabone**, rappreżentat ta' *JobsPlus Malta*, xehed[9] billi preżenta lista ta' impjegati li kellu miegħu l-konvenut matul iż-żmien.[10]

**Anthony Attard**, il-konvenut, xehed[11] li l-valur li jirriżulta li kien dovut fl-2019 huwa ħallsu bi trasferimenti bankarji. Jindika li fl-2019 ħallas tnax-il ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro (€12,544) li jidhru fir-rendikont preżentat mill-attur a fol. 37 tal-proċess. Jgħid li b'dan huwa ħallas dak kollu li kien jaf lill-attur.

Iżid li l-fatturi dejjem huwa kien jiffirmahom u ħadd aktar b'dawk li jsegwu wara d-data tal-ahhar ħlas tal-2019 ma jafx minn min huma ffirmati. Iżid li ċertament mhux iffirmati min impjegati tiegħu. Jgħid li

---

[7] *Screenshots* a fol. 100 sa 102.
[8] Udjenza tat-18 ta' Jannar, 2023—traskrizzjoni mhux paġinata.
[9] Traskrizzjoni a fol 112 sa 113.
[10] Lista a fol. 119 sa 121.
[11] Traskrizzjoni a fol. 114 sa 117.

l-firma «Mercieca» ma jafx ta′ min hi. Iżid iżda li hemm fatturi minnhom iffirmati minnu. Jikkonferma li l-fatturi a fol. 82 u 84 tal-proċess huma ffirmati minnu. Jgħid li l-kumplament tal-firem ma jafx ta′ min huma. Iżid li l-fatturi a fol. 82 u 84 ukoll tħallsu iżda ma jiftakarx kif. Jgħid li l-aħħar pagament ħallieh lill-attur ma′ martu, Sarah Westrup.

**In kontroeżami**, xehed[12] li martu Sarah Westrup kienet kważi ta′ kuljum il-ħanut. Iżid li kienet impjegata miegħu.

Jinsisti li l-fatturi l-attur suppost dejjem ħadhom għandu għax huwa biss kien jiffirmahom.

Jaqbel li huwa kellu ħafna nies jaħdmu miegħu. Mistoqsi huwa kienx ikun dejjem fil-ħanut jgħid li kien ikun f′ħanut ieħor maġenbu. Iżid li l-attur dejjem kien jgħaddi ħdejh.

Jinsisti li mhux suppost li impjegati tiegħu ffirmaw fatturi. Iżid li huwa biss kellu jiffirma l-fatturi iżda x′kienu jagħmlu l-impjegati tiegħu ma jafx. Jaqbel li kien hemm fatturi oħra ffirmati mill-impjegati tiegħu u huwa ħallashom. Jaqbel li darba kellu impjegat kunjomu Mercieca. Iżid iżda li dan kien impjegat fil-kċina u waqaf xi tliet (3) snin qabel għalaq il-ħanut.

Jaqbel li malli l-attur kien jippreżentalu fattura huwa kien iħallasha mingħajr ma jikkummenta fuq minn iffirma għaliha.

[12] Traskrizzjoni a fol. 117 sa 118a.

**In rieżami**, jispjega li ż-żewġ ħwienet li kellu kienu kantuniera ma' xulxin, f'tarf it-telgħa tal-Katidral.

## Ċ. Ikkunsidrat:

**Preliminari:**

B'dan l-Avviż l-attur talab il-ħlas tas-somma ta' ħdax-il elf sitt mija u erbgħa u sebgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€11,674.62ċ) rappreżentanti in kwantu għal għaxart elef mija u tnejn u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,122.50ċ) valur ta' merkanzija u r-rimanenti valur f'imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mis-7 ta' Awwissu, 2019 sas-7 ta' Lulju, 2021. B'riżerva għal interessi ulterjuri u bl-ispejjeż.

Il-konvenut laqa' għal dan billi qal li l-fatturi li fuqha hija msejsa din it-talba ma kinux maħruġa lilu. Qal ukoll li lill-attur huwa dejjem ħallsu għall-merkanzija provduta minnu b'pagamenti f'kontanti b'dan li ma jista' qatt ikun li hemm bilanċ.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ allegat bħala dovut mill-konvenut lill-attur.

Sabiex jipprova t-talba tiegħu l-attur ressaq affidavit tiegħu b'miegħu annessi diversi dokumenti.

Fost dawn id-dokumenti annetta *statement of account*[13] li juri li r-relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u l-konvenut bdiet lejn Lulju tal-2015 u ntemmet lejn Awwissu tal-2019.

L-istess dokument juri li l-aħħar pagament li sar mill-konvenut kien sar fil-15 ta' Mejju, l-2019 permezz ta' trasferiment bankarju. Dan kien pagament ta' elfejn ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u

[13] *Statement of account* a fol. 31 sa 38.

tletin ċenteżmu (€2,544.39ċ). Qabel dan saru żewġ pagamenti oħra mill-konvenut, ilkoll permezz ta' trasferiment bankarju, ilkoll ta' ħamest elef (€5,000), wieħed fit-8 ta' Marzu, 2019 u l-ieħor fid-29 ta' Marzu, 2019.

Dawn iż-żewġ pagamenti jammontaw għal tnax-il elf ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€12,544.39ċ) li huwa l-valur preċiż stabbilit mill-attur bħala dovut lilu mingħand il-konvenut f'messaġġ ċellulari li bagħatlu fis-6 ta' Marzu, 2019.[14] Iż-żewġ pagamenti ta' ħamest elef ewro (€5,000) kull wieħed u dak ta' elfejn ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€2,544.39) jirriżultaw ukoll minn messaġġi ċellulari li bagħat il-konvenut lill-attur.[15]

L-istess valuri ġew ukoll ikkonfermati bħala mħallsa max-xhieda mogħtija mill-partijiet b'dan iżda li filwaqt li l-konvenut jinsisti li b'dawn il-pagamenti huwa ssalda d-debitu kollu li kien dovut minnu lill-attur, l-attur jinsisti li dan mhuwiex minnu u li kien fil-fatt baqa' ordnijiet forniti lill-konvenut u mhux imħallsa minnu.

Sabiex jispjega dan, l-attur jixhed li ċertu fatturi jkun għadhom ma ddaħħlux fis-sistema tagħhom b'dan li meta huwa għarraf lill-konvenut bil-bilanċ ta' tnax-il elf ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€12,544.39ċ) inkluż tramite il-messaġġ ċellulari li jidher a fol. 62 tal-proċess, dak kien il-bilanċ dovut sa

[14] *Screenshot* tal-messaġġ ċellulari a fol. 62.

[15] *Screenshots* tagħhom a fol. 64—data tal-messaġġ: 7 ta' Marzu, 2019. Fol. 66—data tal-messaġġ: 28 ta' Marzu, 2019. U a fol. 70—data tal-messaġġ: 10 ta' April, 2019. Id-dati ta' meta l-konvenut innotifika lill-attur li għamel it-trasferimenti bankarji jikkumbaċjaw ma' meta daħal—ġie *cleared*—it-trasferiment inniffsu kif jirriżulta mill-i*statement of account*.

dakinhar, b'dan iżda li l-ordnijiet mill-konvenut u l-impjegati tiegħu baqgħu jsiru u baqa' għalhekk jiżdied il-kreditu.

Sabiex jilqa' għal dan, il-konvenut jgħid li wara d-data tal-aħħar pagament ma saru ebda ordnijiet.

B'risposta għal dan, l-attur jippreżenta varji fatturi li jkopru l-perjodu bejn l-10 ta' April, 2019 u s-7 ta' Awwissu, 2019.[16] Dawn il-fatturi jammontaw għall-valur ta' għaxart elef mija u tnejn u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,122.50ċ) mitlub mill-attur bħala valur ta' merkanzija allegatament mibjugħa lill-konvenut fuq ordni tiegħu, liema valur jirriżulta kemm mir-rendikont—*statement*—anness mill-attur mal-Avviż tiegħu[17] kif ukoll mill-istess dokument anness ukoll mal-affidavit maħluf bil-ġurament tal-attur.[18]

Sabiex jilqa' għal dawn il-fatturi l-konvenut jinsisti li bl-aħħar pagamenti tiegħu ta' Marzu u Mejju, 2019 huwa ssalda d-debitu kollu li kellu mal-attur. Jgħid ukoll li wara l-2019 ma kien hemm ebda talba oħra għall-ħlas magħmula mill-attur u li huwa b'xi mod qabel magħha. Iżid ukoll li għajr għal tnejn mill-fatturi ppreżentati mill-attur sabiex jipprova t-talba tiegħu għal għaxart elef mija u tnejn u għoxrin

---

[16] Fatturi a fol. 73 sa 99.
[17] Rendikont a fol. 2.
[18] Rendikont mal-affidavit a fol. 72

ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,122.50); ebda fattura oħra m'hi ffirmata minnu u ma jagħrafx il-firem li hemm fuq il-fatturi l-oħra.

Il-Qorti hawhenkk tosserva l-kredibbilità tal-verżjoni tal-attur li tul relazzjoni kummerċjali, pagamenti u xogħol ikunu deħlin u ħerġin in kontinwazzjoni b'dan li jista' jagħti l-każ li filwaqt li negozjant ikun issalda l-bilanċ sa dakinhar tal-pagament dovut u magħruf minnu, ikun hemm fatturi li għadhom mhux reġistrati.

B'dan allura li l-prova trid tkun li tali fatturi jkunu nħargu regolarment u x-xogħol ikun ġie kkonsenjat lid-debitur.

Fil-każ *de quo*, fl-affidavit u x-xhieda in kontroeżami tiegħu l-attur jispjega li huwa kien isib diversi impjegati fl-istabbiliment tal-konvenut li kienu jiffirmaw il-fatturi bħala aċċettazzjoni tal-kunsinna tal-merkanzija.

Il-konvenut l-ewwel jirribatti billi jgħid li huwa biss kien jiffirma l-fatturi b'dan li iżjed tard jammetti li jista' jagħti l-każ li ħaddiema tiegħu jkunu ffirmaw xi fatturi u jaqbel ukoll li fuq almenu tnejn mil-fatturi ppreżentati mill-attur in sostenn tat-talba tiegħu—dawk a fol. 82 u 84 tal-proċess, tidher il-firma tiegħu.

Il-fatturi a fol 82 u 84 tal-proċess huma fil-fatt fatturi maħruġa fl-istess jum tat-8 ta' Mejju, 2019 u jammontaw għal seba' mija u ħamsa u tmenin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€785.97ċ) li huwa valur inqas minn dak tal-aħħar pagament magħmul mill-konvenut fil-15 ta' Mejju, 2019 għal elfejn ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€2,544.39ċ). B'dan li din il-Qorti tikkunsidra għalhekk tali pagament bħala aċċettazzjoni ta' bilanċ rimanenti.

Il-konvenut jinsisti li l-firem fuq il-fatturi l-oħra m'humiex tiegħu u ma jagħrafx ta' min huma. Ma jgħidx iżda li x-xogħol ma twassalx. Anqas jinnega li setgħu ffirmaw il-fatturi impjegati varji tiegħu. U anqas

jinnega li kellu impjegat kunjomu «Mercieca»—kunjom li wkoll jirriżulta fuq il-fatturi li fuqhom huwa msejjes dan l-Avviż.

Il-konvenut jinsisti iżda li wara l-2019 ma kien hemm ebda talba għall-ħlas magħmula mill-attur li huwa b'xi mod intrattjena. B'dan iżda li din il-Qorti għandha in atti kopji ta' messaġġi ċellulari addizzjonali għal dawk diġà msemmija *supra* li juru l-kuntrarju.

Fil-fatt, f'messaġġ ċellulari mibgħut mill-attur fil-25 ta' Frar, 2020,[19] l-attur jidher jitlob xi ħlas mingħand il-konvenut. Il-konvenut ma jinnegax li hemm ħlas dovut, dan minkejja li quddiem din il-Qorti jinsisti li bil-pagamenti tal-2019 issalda d-debitu kollu. Anzi, li jirrispondi aktar tard il-konvenut, u speċifikatament lejn Ottubru, 2020,[20] m'huwiex li m'hemm ebda ħlas dovut jew li l-valur pretiż mill-attur ġie saldat, iżda li m'għandux flus—*I have no money*.

Din il-Qorti tinnota ulterjorment li mill-assjem tal-provi l-attur jirriżulta aktar ko-erenti u veritier mill-konvenut li anke fl-istadju tar-risposta tiegħu jgħid li l-ħlasijiet lill-attur dejjem saru f'pagamenti kontanti iżda aktar tard jirriżulta ċar u ampjament li diversi pagamenti saru bi trasferimenti bankarji, inkluż dawk li kienu l-aħħar pagamenti magħmula mill-konvenut u minnu meqjusa bħala pagamenti a saldu.

Magħdud dan, il-ġurisprudenza nostrana hija ampja u konsistenti fir-rigward tal-bilanċ tal-probabbiltà tal-veraċità f'każ ta' verżjonijiet kunfliġġenti.

Kif jinsab ritenut fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et***,[21] meta si tratta

[19] *Screenshot* a fol. 100.
[20] *Screenshot* ta' messaġġ ċellulari a fol. 102.
[21] Appell Ċivili Numru 152/1999/2.

ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti, il-każ neċessarjament jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilità u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija.

Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak*,**[22] ġie ritenut:

> *Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall[-]konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi [i]ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet [sic]. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.*

B'dan li l-Qorti għandha tara jekk verżjoni waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbiltajiet u b'hekk issib rifuġju fir-regola *in dubio pro reo*.

F'dan il-każ, din il-Qorti hija moralment konvinta mill-veraċità tat-talba tal-attur.

Il-Qorti tosserva wkoll ir-riassunt ta' deċiżjonijiet nostrani magħmul fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur dwar il-piż tal-prova rigward allegat ħlas liema ħsieb huwa kondiviż minnha b'dan li, fl-istanza ta' dan l-Avviż, il-konvenut ma allegax li ħallas il-fatturi li fuqhom hija msejsa t-talba tal-attur aktar milli l-fatt jekk l-istess inħarġux lilu jew le.'

[22] Ċitazzjoni Numru 462/2002/1.

9. Illi mis-suespost din il-Qorti rat li l-ewwel Qorti, wara analizi dettaljata tal-provi fl-atti, inkluz ix-xhieda u l-kontro-ezamijiet taz-zewg partijiet kif ukoll il-bosta dokumentazzjoni esebita, qieset li l-versjoni tar-rikorrent fuq bazi ta' probabilta kienet wahda aktar kredibbli u sopportata aktar permezz tad-dokumentazzjoni esebita nkluz bosta messaggi mibghuta bejn il-partijiet.

11. Illi dwar ir-referenza tal-ewwel Qorti ghal principju tal-*in dubio pro reo* din il-Qorti ser terga tirriporta dik il-parti tad-decizjoni fejn din tnizzlet pero' fil-kuntest kollu tal-argument ta' dik il-Qorti kif isegwi:

'Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak***,[23] ġie ritenut:

> *Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall[-]konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi [i]ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet [sic]. Dan għad-*

[23] Ċitazzjoni Numru 462/2002/1.

*differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.*

B'dan li l-Qorti għandha tara jekk verżjoni waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbiltajiet u b'hekk issib rifuġju fir-regola *in dubio pro reo*.

F'dan il-każ, din il-Qorti hija moralment konvinta mill-veraċità tat-talba tal-attur.'

Illi din il-Qorti rat li appuntu l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-gurisprudenza fil-kamp civili li taghmel referenza ghall-grad tal-prova tal-probabbli u mmedjatament wara ddikjarat li bhala Qorti ghandha tara jekk verzjoni wahda moghtija minn parti ghandiex <u>FUQ BILANC TA' PROBABBILTAJIET</u> teskludi l-ohra. Huwa minnu li dik is-sentenza baqghet ghaddejja tghid 'u b'hekk issib rifugju fir-regola *in dubio pro reo*' izda huwa evidenti ghal din il-Qorti mill-qari tal-assjem tad-decizjoni li dawn l-ahhar disa' kelmiet thallew fid-decizjoni bi zball, *lapsus calami* kif isejhilha r-rikorrent appellat fir-risposta tieghu. Fil-fatt imkien fid-decizjoni din il-Qorti ma sabet xi argument abbazi tal-principju tal-*in dubio pro reo.* Din il-Qorti anzi tqis li bhal ma kien ovvju ghaliha kif ukoll ghar-rikorrent li dawn id-disa' kelmiet tnizzlu fid-decizjoni bi zball, dan kellu jkun ovvju wkoll ghall-intimat b'dana li ma kellux isir appell fuq din il-bazi, anzi jinbena appell tista' tghid shih f'dan ir-rigward. Din il-Qorti ghalhekk dwar dan il-punt ai fini biss ta' kjarezza u xejn aktar ser tghaddi sabiex tilqa' in parte l-aggravju tal-intimat appellat billi tordna li mill-ewwel decizjoni jigu kancellati l-kliem 'u b'hekk issib rifugju fir-regola *in dubio pro reo*'

12. Illi dwar il-bqija tal-aggravju tal-intimat appellant li huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li l-intimat kien effettwa pagament ta' dak kollu dovut permezz tas-SEPA/trasferiment bankarju u li l-*invoices* li segwew ma kienux iffirmati minnu jew minn persuni mqabbda minnu ghalhekk ma hemm xejn dovut, din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-ewwel Qorti tirrimarka kif isegwi:

(i) Illi fl-atti gew esebiti messaggi li jmorru ghas-sena 2020 u cioe' ferm wara li kienu saru l-ahhar pagamenti mill-intimat tramite it-trasferiment bankarju f'Marzu 2019 fejn ir-rikorrent jitlob pagamenti lill-intimat u dan ma jichadx li hemm xi ammont dovut izda jghid biss li ma kellux flus;

(ii) Illi ezempju car tan-nuqqas ta' kredibilita' tal-versjoni moghtija mill-intimat appellant hija fil-fatt li fir-risposta tieghu ghat-talba tar-rikorrent appellat isostni li huwa dejjem hallas lir-rikorrent fi flus kontanti filwaqt li mill-provi rrizulta li kien hemm bosta pagamenti li saru tramite trasferimenti bankarji b'dana li evidentement l-intimat fl-atti sa mill-bidu ma jghidx il-verita';

(iii) Illi l-intimat isostni li l-*invoices* esebiti mir-rikorrent (u li r-rikorrent jsostni li ghadhom ma thallsux) m'humiex iffirmati minnu u

ma jafx min iffirmahom. Waqt is-smiegh tal-provi u fil-kontro-ezamijiet irrizulta, **<u>ohrog il-ghageb</u>**, li tnejn minnhom huma ffirmati mill-intimat stess u ohrajn huma ffirmati minn martu. Jammetti wkoll li huwa kellu mpjegat bil-kunjom Mercieca. Fir-rigward il-firem l-ohra li jidhru fuq l-*invoices* din il-Qorti tirrileva li dawn jidhru ripetuti fuq *invoices* b'dati differenti. Din il-Qorti difficilment tista' temmen il-versjoni tal-intimat li jimplika li jhalli nies fil-hanut tieghu, jiricievu l-kunsinnji fi granet diversi, minghajr ma jkun jaf min huma! Aktar u aktar meta hu jkun fil-hanut adjacenti. U fuq kollox din il-Qorti tistaqsi - nies estranei ghall-hanut, x'interess ghandhom li jiffirmaw ghall-konsenji li jsiru lill-hanut tal-intimat? Fuq kollox, hareg mill-provi li l-intimat qatt ma cahad li rcieva tali konsenji izda unikament li min iffirma ma kienx hu!

(iv) Illi l-intimat appellant jargumenta li f'Marzu, 2019 huwa rcieva messagg fejn gie infurmat li kellu jaghti lir-rikorrent is-somma ta' €12,544.39 u li din thallset minnu permezz ta' tlett trasferiment bankarji, liema pagamenti effettivament jirrizultaw mill-*istatements* provduti mir-rikorrent. L-intimat jsostni li dan kien l-ahhar bilanc dovut lir-rikorrent w'ghalhekk m'ghandu jaghti xejn aktar. Ir-rikorrent jichad dan u jsostni li wara dak il-messagg kien hemm aktar ordnijiet w'ghalhekk rega' tela' l-bilanc dovut rapprezentanti s-somma rikjesta fil-kawza odjerna apparti l-interessi. Il-Qorti vverifikat li dak li jsostni r-rikorrent johrog ukoll mill-*istatement* a fol. 37 li jevidenzja li bejn l-10 ta' April, 2019 u l-5 ta' Gunju, 2019 saru bosta ordnijiet ohra

mill-intimat u li dawn ovvjament ma setghux jitnizzlu fil-messagg tal-bilanc dovut lura f'Marzu 2019!!

13. Illi in vista tal-konsiderzzjonijiet kollha suesposti u wkoll minn analizi tal-atti kollha u qari tad-decizjoni tal-ewwel Qorti, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kellha ragun li emmnet il-versjoni tar-rikorrent bhala dik l-aktar probabbli u li tirrifleltti l-verita' fuq dik tal-intimat abbazi ta' bilanc ta' probabilta w'ghalhekk ghaddiet sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent. Din il-Qorti ma sabet xejn fid-decizjoni appellata, ghajr dawk id-disa' kelmiet li evidentement tnizzlu fid-decizjoni bi zball, li jwassallha sabiex tissostitwixxi l-analizi tal-provi ghal dik tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti ghalhekk, ghajr ghall-korrezzjoni kif gia msemmija aktar il-fuq, ser tghaddi sabiex tichad l-aggravji u l-appell tal-intimat appellant.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-appell odjern billi tilqa' limitatament l-aggravju tal-intimat appellant fis-sens li tordna l-varjazzjoni tad-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dik il-parti fejn tnizzlu l-kliem 'u b'hekk issib rifugju fir-regola *in dubio pro reo*' billi tordna l-kancellament taghhom mid-decizjoni appellata, fil-bqija tilqa' r-risposta tar-rikorrent appellat, tichad fil-bqija l-aggravji u l-appell tal-intimat appellant u tikkonferma l-bqija tad-decizjoni appellata in toto.**

Bl-ispejjez tal-appell kollha kontra l-intimat appellant.

**Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat**